SANTA LUĊIJA

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 32-17**

**21 ta' Awissu 2017**

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Caroline Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**32.1.1** Is-Sindku qara l-ittri tal-apoloġija tal-Kunsilliera Caroline Galea.

**32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**32.2.1 CCTV Camera f'Wied Garnaw**

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 31.8 tal-laqgħa preċedenti u ppropona lis-CCTV Cameras jsiru wkoll f'Dawret it-Torri biex ikopru l-*Parking Area*. Qamet diskussjoni dwar ix-xogħol u l-ispiża nvoluta. Il-Kunsillier Sciberras fakkar ukoll fit-talba li saret lill-Trasport Malta biex isiru CCTV Cameras fis-*subway* f'Triq tal-Barrani. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet biex terġa tikteb f'dan ir-rigward.

**32.2.2 Proposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar Wied Garnaw - Dominju Pubbliku**

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 31.9 tal-laqgħa preċedenti u staqsa x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern dwar il-proposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex *area* speċifika f'Wied Garnaw tiġi ddikjarata bħala dominju pubbliku. Il-Viċi Sindku qal dan kien eżerċizzju biex jiġi stabbilit l-*area* ta' min hi.

**32.2.3 Kwotazzjoni għall-Software ġdid ta' Accounting System tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għall-minuta 31.3.4 u nfurmat lill-Kunsill bid-direzzjoni tad-Dipartiment f'dan ir-rigward u qalet li ser tibda l-proċess biex toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijet bis-sistema tal-Epps.

**32.2.4 Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-Ġdid ta' Tarmak**

B'referenza għall-minuta 31.5.2 tal-laqgħa preċedenti is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill bid-deċiżjoni tar-Reġjun li l-fond disponibbli għall-għoti mill-ġdid ta' tarmac għandu jinqasam bejn il-Kunsilli membri tar-Regjun Nofsinhar.

**32.2.5 Mistoqsija tal-Kunsilliera Caroline Galea**

B'referenza għall-minuta 31.6.1 tal-laqgħa preċedenti l-Viċi Sindku staqsa dwar ir-*reinstatement* tal-Ġnien l-Iskultur. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol qed isir. Il-Viċi Sindku qal li ser jistenna xahar ieħor u jressaq mozzjoni f'dan ir-rigward.

**32.2.6 Ġieħ Santa Luċija**

B'referenza għall-minuta 31.5.4 is-Sindku qal li l-Banda tal-Pulizija u dik tal-Armata ma aċċettawx li jgħatu kunċert f'Santa Luċija fl-okkażjoni tal-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija. Ġie deċiż li tiġi avviċinata banda oħra biex ittella' dan il-Kunċert. Il-Viċi Sindku qal li kien ser ikellem lill-Banda De Paule dwar il-possibilita' li jtellu kunċert fi Ġnien is-Serenita u jara wkoll xi dati li fihom huma disponibbli.

**32.2.7 Bankina fi Triq Guljetta Lopez kantuniera ma' Triq Lellux**

B'referenza għall-minuta 31.11 tal-laqgħa preċedenti il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni lill-Trasport Malta biex issir tabella ta' *no entry* għall-*heavy vehicles.*

**32.2.8 Lejla Sajfija**

B'referenza għall-minuta 31.2.2 tal-laqgħa preċedenti l-Viċi Sindku qal lit-tapit tal-Kunsill għadu mitluq mal-art. Is-Sindku wieġeb li ser jinġabar wara nofsinhar.

**Sospensjoni tal-Laqgħa**
Fis-2.10 is-Sindku issospenda l-laqgħa biex il-Kunsill jirrisolvi f'kumitat biex jiddiskuti l-problema tal-Bus Terminus fi Triq Ġuljetta Lopez. Il-laqgħa tkompliet fis-2.30p.m.

**32.3 Affarijiet Finanżjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**32.3.1 Approvazzjoni għall-Ħlas**
Il-Kunsill iddiskuta il-ħlas dovut għall-manifattura u l-installazzjoni ta' żewġ gradi li saru fil-*playing field*. Qamet diskussjoni u ġie deċiż li l-grada għandna tinżamm magħluqa bil-katnazz biex ħadd ma jkun jista jiddendel magħha. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jitħallas.

**32.3.2 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**
Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 32-17 għall-perjodu bejn L-14 ta' Lulju 2017 u s-17 ta' Awwissu 2017, minn *cheque* numru BOV6819 sa numru BOV6855.

**32.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**32.4.1 Attivita – Għoti ta' Ġieħ Santa Luċija**
Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' li għandha tittella biex matulha issir il-presentazzjoni ta' Ġieħ Santa Luċija. Il-Viċi Sindku qal li kien ser ikellem lill-Banda De Paule dwar il-possibilita' li jtellu kunċert fi Ġnien is-Serenita u jara wkoll xi dati li fihom huma disponibbli.

**32.4.2 Talba għall-Żbir ta' Siġar**

**32.4.2.1** Qamet diskussjoni dwar diversi talbiet ta' żbir ta' siġar f'diversi toroq. Il-Kunsill wasal għall-konklużjoni li hemm bżonn isir eżerċizzju ta' żbir ta' siġar madwar il-lokalita'. Il-Viċi Sindku qal li hemm kumpanija li tista' tagħti parir lill-Kunsill dwar siġar li jistgħu jinżabru u kif għandhom jinżabru.
Il-Kunsill innota diversi talbiet tar-residenti u qabel li jsiru dawn ix-xogħolijiet mill-Kuntrattur ELC Ltd:

- Zbir ta' Oleander fi Triq il-Petunja
- Tinżabar siġra fi Triq iż-Żnuber kantuniera ma' Triq Guljetta Lopez
- Tinżabar siġra tal-Fuxa fi Triq il-Freżja
- Tinżabar siġra tal-Ficus f'Dawret it-Torri quddiem entratura A u entratura F
- Tinżabar il-bordura fi Blokk 1, Flat 1 fi Triq il-Ġnien.

Dwar talba biex tinqalgħa siġra tal-Jukka u Palma għax qed ittellu l-art ta' garaxx, il-Kunsill innota li dawn qiegħdin fi propjeta privata u qabel li jgħin billi jitkellem mal-ELC Ltd fuq ix-xogħol involut.

Dwar talba biex tinżabar siġra tal-Ħarrub fi Triq iċ-Ċikwejra għandha ssir applikazzjoni lill-ERA.

**32.4.2.2** Qamet diskussjoni fuq is-servizz li qed jingħata mill-kuntrattur fir-rigward ta' żamma u manutenzjoni ta' ġonna. Il-Viċi Sindku wera' d-diżappunt fuq dan is-servizz u elenka diversi nuqqasijiet marbuta ma' dan il-kuntratt. Huwa qal li xejn m'hu qed jiġi segwit la fuq dan il-kuntratt u l-anqas fuq dak tal-knis.

**32.4.2.3 Mozzjoni Mressqa b'Urġenza**
Wara d-diskussjoni li nqagħlet fuq il-Kuntratt tal-Manutenzjoni u Żamma ta' ġonna l-Viċi Sindku ressaq mozzjoni b'urġenza li ġiet issekondata mill-Kunsillier Joe Bonello. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni li kopja tagħha tinsab annessa ma' dawn il-Minuti.

**32.4.3 Chinese National Day u Moon Festival**
Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tal-Ambaxxata Ċiniża biex iċ-Chinese National Day issir fi Ġnien is-Serenita' fid-29 ta' Settembru 2017. Il-Kunsill qabel li għandhu jinkera servizz ta' tindif tal-

injam tal-Pavillons.
Fir-rigward tal-Moon Festival il-Kunsill ikkonferma li l-lista ta' mistiednin għandha tkun bħal dik tas-sena 2016.

**32.4.4 Kont tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

Il-Kunsill innota t-tweġiba tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għat-talba tal-Kunsill biex jiġi rivedut kont pendenti. Il-Kunsill finalment qabel li dan il-kont għandu jitħallas.

**32.4.5 Permess għall-użu ta' Gnien Ċiniz għall-kalendarju tal-Malta Comic Com**

Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li din l-attivita' għandha titqies bħala waħda kummerċjali.

**32.4.6 Cirk.22-2017 Inizjattiva Finanzjarja favur il-Kommunita' – Libreriji Lokali**

Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u l-Viċi Sindku ppropona li jsir bieb bis-*sensor* li jinfetaħ b'mod awtomatiku biex persuni b'diżabilta' ikollhom aċċess aħjar għall-librerija. Il-Kunsill approva din il-proposta u qabel ukoll li l-fondi li jifdal, jintużaw f'xiri ta' kotba. Il-Kunsill qabel li joħroġ il-somma ta' €800.00 għal din l-inizjattiva.

**32.5.7 Parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-Inizjattiva: Lets do it Malta**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li hu kien ser ikun qed jipparteċipa f'din l-Inizjattiva. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li ser ikun qed jippateċipa wkoll.

**32.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**32.6 Bus Terminus**

Il-Kunsill iddiskuta korrispondenza minn Transport Malta fejn il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tat-tneħħija tal-Bus Terminus mill-lokalita ta' Santa Luċija. Fuq proposta mressqa mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Bonello, il-Kunsill unanimament qabel li terġa tintbagħt ittra lill-Trasport Malta b'dawn il-punti kif ġej:

- Lis-servizz tat-Trasport Pubbliku f'Santa Luċija jkun wieħed ċirkulari u jkun hemm żmien ta' prova ta' mhux anqas minn tlett xhur biex il-Kunsill ikun jista jagħmel evalwazzjoni tal-impatt li r-rotta ċirkulari jkollha fuq ir-residenti li jużaw it-trasport pubbliku.
- Li Trasport Malta tinstalla *electronic schedule* fuq l-ewwel u l-aħħar stage biex ir-residenti jkollhom indikazzjoni li tkun ser tasal il-karrozza li jmiss.

**32.7 Europe for Citizens – Proġett FLOWS**

Il-Kunsill iddiskuta il-proġett Flows li ġie approvat taħt il-Programme Europe for Citizens. Saret referenza għall-proposta ta' ftehim mill-kumpanija Ace20 fir-rigward tal-kordinazzjoni tal-partners barranin fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li għandha tinġib linja gwida mid-Dipartiment dwar jekk il-Kunsill jistax jidħol għal dan il-ftehim ma' din il-kumpanija. Il-Kunsill qabel ukoll li dan il-proġett jitmexxa minn kumitat magħmul mill-membri kollha tal-Kunsill. Ġie stabilit li dan il-proġett isir fix-xahar ta' Marzu 2018 meta l-attivitajiet marbuta ma' Valletta 18 jkunu fl-aqwa tagħhom u jistgħu joffru spettaklu lill-parteċipanti barranin fuq dan il-proġett.

**32.8 Ċirkulari AKL 47-2017 – Ġbir u Maniġjar tal-Iskart**

Is-Sindku qara parti miċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija u qal li din inbagħtet għall-attenzjoni tal-Kunsill biex isiru proposti dwar l-Immaniġjar tal-Iskart. Ġie nutat lid-data tal-għeluq biex il-Kunsill jibgħat dawn il-proposti kienet il-Ġimgħa, 25 ta' Awissu 2017. Huwa ħeġġeġ il-membri presenti biex jibgħatu l-proposti tagħhom sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 23 ta' Awissu 2017 ħalli s-Segretarju Eżekuttiv tkun tista tissottometti l-proposti tal-Kunsill fil-ħin.

**32.9 Ċirkulari AKL 55-2017 – Proposti dwar l-Iskema tal-Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali**

Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill biex bħal fil-każ ta' Ċirkulari AKL 47-2017, jibgħatu l-proposti tagħhom sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 23 ta' Awissu 2017 ħalli s-Segretarju Eżekuttiv tkun tista tissottometti l-proposti tal-Kunsill fil-ħin.

**32.10 Business Plan 2017-2019**

Billi kien sar il-ħin din l-item tħalliet għall-laqgħa li jmiss

**32.11 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku qal li l-pożizzjoni tal-Kunsill għada l-istess.

**32.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**32.12.1** Il-laqgħa intemmet fil-5.00p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Tlieta, 26 ta' Settembru 2017 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta, 26 ta' Settembru 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |